# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 24 ta' Novembru 2016**

**Kawza Numru : 11**
**Rikors Numru : 484/2016/LSO**

**Rikors fl-atti ta' kawza numru: 453/16/LSO wara mandat ta' sekwestru numru: 862/16 mahrug fis-6 ta' Gunju 2016 fl-ismijiet:**

**Matthew Grech ID 241886(M)**

**vs**

**Welcome Auto Dealer Ltd C 64346 u Clint La Rosa. ID 538587(M)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta' Welcome Auto Dealer Ltd. C 64346 u Clint La Rosa ID 538587(M) datat 17 ta' Gunju 2016 fejn esponew: -

Ghar-rigward Welcome Auto Dealer Ltd. C 64346

Illi l-esponenti giet notifikata permezz ta' sekwestru kontra numru ta' banek li taghmel uzu minnhom u l-awtorita' kompetenti ghat-trasport ossia Transport Malta wara talba li saret minn Matthew Grech permezz ta' rikors b 'talba ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru;

Illi kontestwalment giet pprezentata kawza kontra l-istess esponenti li ggib in-numru 453/16/LSO li skont l-istess premessi tirrigwardja bejgh ta' vettura Pontiac GTO Coupe 1974 li saret allegatament mill-esponenti;

Illi fil-fatt l-esponenti m'ghandha ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti Matthew Grech tant li anke l-istess Matthew Grech ma kienx konvint minn dan u pprezenta l-kawza tieghu kontra zewg persuni sabiex min minnhom jigi ddikjarat responsabbli jhallas l-ammont mitlub;

Illi fil-fatt l-esponenti qatt ma kkontrattat ma' l-istess Matthew Grech u b'hekk *ai termini* ta' l-artikolu **836(1) (b), (d) u (f)** m'hemmx raguni ghaliex dan il-mandat ghandu

jibqa' *in vigore* kontra l-esponenti Welcome Auto Dealer Ltd C 64346;

Illi nhar il-Hamis 7 ta' April 2016 giet intavolata kawza fl-ismijiet *Clint La Rosa vs. Matthew Grech* 125/16/AM fit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar differita ghall-14 ta' Ottubru 2016 abbazi tal-fatt li wara dan ta' l-ahhar ittrasferixxa l-vettura mertu ta' dawn il-proceduri kien ghad fadal bilanc x'jithallas. Din l-azzjoni ma tresqitx minn Welcome Auto Dealer Ltd. C 64346;

Ghar-rigward Clint La Rosa

Illi l-esponent jiddikjara li hu ttrasferixxa din il-vettura lir-rikorrent Matthew Grech tant li dan ta' l-ahhar kien waslet ghandu f’ Mejju 2015 u sal-lum din ghadha ghandu;

Illi Welcome Auto Dealer Ltd C 64346 m'ghandha x' taqsam xejn ma’ dan il-kuntatt ta' bejgh .

Illi ghalhekk *ai termini* ta' l-**artikolu 836(1) (b), (c), (e) u (f)** billi r-rikorrent ghandu fil-pussess tieghu din il-vettura hu qieghed f’ pozizzjoni li l-ammont li jrid jikkawtela b'dan il-mandat huwa diga' fil-pussess tieghu tant li r-rikors guramentat tieghu stess jindika li l-vettura tiswa' tnejn u tletin elf ewro (€32,000) u jekk jithalla dan il-mandat *in vigore* jfisser li dan ser jigi kkawtelat dopjament;

**Ghar-rigward tal-partijiet b'mod komuni**

Illi l-partijiet x-xoghol taghhom hu fil-bejgh u xiri ta' vetturi;

Illi in ezekuzzjoni tal-mandat hawn fuq indikat gew maqbuda l-licenzji tal-vetturi ghall-bejgh li hemm ghand Transport Malta;

Illi peress li Qbid tal-precitati oggetti huma espressament ipprojbiti *a tenur* tal-artikolu 293 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi peress illi nqabdu dawn il-licenzji mhux possibbli ghalihom li jibqghu jahdmu x-xoghol taghhom necessarji ghan-negozju u/jew s-sengha tal-esponenti;

Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espost, l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijet premessi tirrevoka l-esekuzzjoni tal-precitat mandat, *a tenur* tal-artikolu 281(1) u 293(1) (b) u (d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn dan jaffettwa ghan-negozju u/jew s-sengha tal-esponenti;

Ghaldaqstant l-esponenti qieghed jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li jidhrilha xierqa u opportuna;

1. Tiddikjara illi fic-cikostanzi ma huwiex ragonevoli li jinzamm fis-sehh il-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi, u dan *ai termini* tal-Artikolu 836(1) (b), (d) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward Welcome Auto Dealer Ltd. C64346;

2. Tiddikjara illi fic-cikostanzi ma huwiex ragonevoli li jinzamm fis-sehh il-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi, u dan *ai termini* tal-Artikolu 836(1) (b), (c), (e) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward Clint La Rosa;

3. Tiddikjara li *a tenur* tal-artikolu 281(1) u 293(1) (b) u (d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jigi revokat fejn dan jaffettwa l-mezzi tax-xoghol ta' l-esponenti;

4. Tordna illi l-mandat ta' sekwestru jigi revokat kontra Welcome Auto Dealer Ltd C64346 u/jew kontra Clint La Rosa.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-14 ta' Lulju 2016.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 14 ta' Lulju 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr Mark Anthony Cutajar ghas-socjeta' intimata. Il-Qorti halliet r-rikors ghan-notifika tal-intimat u trattazzjoni ghas-6 ta' Ottubru 2016 fid-9:30a.m. b'dan illi r-rikorrent huwa awtorizzat jinnotifika IiIl-intimat wara l-hinijiet legali u fin-nuqas bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni. Il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Sekwestru 862/2016 fl-ismijiet premessi.

Rat in-nota ta' Matthew Grech (K.I. nru. 241886(M)) datata 12 ta' Awwissu 2016 (fol 10) fejn espona illi :

It-talbiet tal-intimati fir-rikors taghhom tas-17 ta' Gunju 2016 ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontrihom stess, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

Preliminari

1. Din hija nota maghmula bi twegiba ghat-talbiet tal-intimati Welcome Auto Dealer Limited u Clint La Rosa, maghmula b'rikors taht l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, imressaq minn Welcome Auto Dealer Limited u Clint La Rosa fl-atti tal-kawza numru 453/16/LSO, wara l-mandat ta' sekwestru numru 864/16 mahrug fis-6 ta' Gunju 2016. L-esponenti jirrileva illi huwa ma jaqbilx mat-talbiet fir-rikors surriferit, u dan ghar-ragunijiet li gejjin.

Dwar Welcome Auto Dealer Limited - L-Ewwel Talba

2. Fl-ewwel talba tar-rikors, l-intimati jitolbu dikjarazzjoni illi ma huwiex ragonevoli illi jinzamm fis-sehh il-mandat ta' sekwestru fil-konfront ta' Welcome Auto Dealer Limited.

3. L-esponenti jifhem li b'dan l-ilment, l-intimati qeghdin bhal donnhom jaccettaw illi r-relazzjoni guridika tal-esponenti kienet biss mal-esponenti, u mhux ukoll ma' Welcome Auto Dealer Limited. Jissottomettu fis-sens illi n-negozju dwar il-vettura mertu tal-kawza kien kompletament aljen ghas-socjeta` Welcome Auto Dealer Limited, u allura ma huwiex ragonevoli li tkun kolpita bil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Dwar dan, jistqarr l-esponenti illi huwa jinsab ferm perpless bl-ilment tas-socjeta` Welcome Auto Dealer Limited illi hija ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-esponenti. Dan ghaliex:

a. Il-mandat sar abbazi tat-talba ghar-rimbors tal-prezz ta' €32,000 imhallas mir-rikorrenti ghax-xiri tal-vettura tal-ghamla Pontiac GTO Coupe 1975, apparti d-danni, ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors guramentat. Fiha hemm ukoll talba biex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-intimati jew min minnhon kisru l-kundizzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet dwar il-bejgh u l-kunsinna tal-istess vettura. Wahda minn dawn il-kundizzjonijiet tidher fi skrittura ffirmata minn Clint La Rosa, izda intestata b'isem il-kumpanija - Welcome Auto Dealer Limited (Dok. 'A');

b. Sahansitra, huwa l-*logbook* tal-vettura nniffsu illi juri illi mal-wasla taghha f'Malta, din giet registrata f'isem Welcome Auto Dealer, mhux fuq isem Clint La Rosa (Dok. 'B');

c. Anke t-trasferimenti tal-flus *qua* depoziti ghax-xiri tal-istess vettura saru f' kont bankarju intestat f'isem il-kumpannija (Dok. 'C'), kif wara kollox gie hekk dirett jaghmel minn Clint La Rosa stess b'*email* mibghuta minnu lill-esponent (Dok. 'D');

d. Inoltre u f'kull kaz, kien Clint La Rosa stess li prezenta ruhu f'ismu proprju u kif ukoll f'isem il-kumpanija tieghu fit-talba maghmula quddiem it-Tribunal Ghat-Talbiet Zghar (124/16DMA). Din it-talba giet prezentata minn *'Clint La Rosa 538587(M) ezercitanti l-kummerc bhala Welcome Auto Dealer ta' Welcome Auto Dealer, Mimosa Steet, Gwardamangia* - dan kif jidher milI-Avviz tat-Talba stess (Dok. 'E'). Huwa evidenti illi l-'Welcome Auto Dealer' riferuta f'dan l-Avviz tat-Talba hija l-kumpanija Welcome

Auto Dealer Limited (minkejja illi hemm qieghda erronjement riferuta bhala 'kummerc'), tant illi huma d-dokumenti tar-Registru tal-Kumpaniji stess juru illi l-indirizz sedenti tal-kumpanija huwa fl-indirizz moghti minn Clint La Rosa stess fl-Avviz tat-Talba pprezentat minnu u sahansitra, Clint La Rosa huwa direttur f’ din l-istess kumpanija (Dok. 'F');

4. Bhal dawn, hemm dokumenti (li ma humiex relevanti ghall-finijiet ta' dan ir-rikors) li juru li xi uhud mit-tahdidiet saru wkoll ma' Clint La Rosa b'mod personali. B'daqstant, huwa aktar minn evidenti allura illi tul iz-zmien, in-negozjati saru kemm ma' Clint La Rosa f’ ismu proprju, kif ukoll f’ isem il-kumpanija Welcome Auto Dealer Limited. Fid-dawl ta' dan kollu, ma ghandu jkun hemm ebda dubju ghalhekk illi Clint La Rosa u Welcome Auto Dealer Limited agixxew flimkien, assumew responsabbilta` flimkien versu l-esponenti, u b'hekk poggew ruhhom solidament responsabbli ghall-kundizzjonijiet u l-pattijiet maghmula mal-esponenti. Fid-dawl tal-fatti u d-dokumenti inekwivoci, ma jistghux jigu issa u jipprovaw jikkonvincu mod iehor.
Huwa ghalhekk illi l-esponenti kellu tabilfors jikkawtela l-pozizzjoni tieghu u l-kreditu pretiz minnu minghand it-tnejn, u certament ghalhekk ma hemmx lok biex it-talba ta' Welcome Auto Dealer Limited u Clint La Rosa f’ dan is-sens tigi milqugha. Dan aktar u aktar f’ dan l-istadju tal-procedura principali li tinsab differita ghall-provi tal-intimati proprju dwar il-legittimita' ta' Welcome Auto Dealer Limited fl-istess procedura.

Dwar Clint La Rosa - It-Tieni Talba

5. Fit-tieni talba tar-rikors, l-intimati jitolbu dikjarazzjoni illi ma huwiex ragonevoli illi jinzamm fis-sehh il-mandat ta' sekwestru fil-konfront ta' Clint La Rosa. L-argument ma huwiex dwar ir-relazzjoni guridika (din ammessa).

6. L-intimati izda jipprovaw jargumentaw illi l-vettura ghandha tkun bizzejjed biex isservi bhala garanzija ghall-pretensjoni tal-esponenti. L-esponenti ma jistax jaqbel ma' dan. Dan ghaliex fost l-ohrajn, kuntrarjament ghal dak li nghad mill-intimati fir rikors taghhom, ma huwa minnu xejn illi l-vettura *de quo* llum il-gurnata tinsab ghand l-esponenti. Jafu tajjeb l-intimati illi l-vettura tinsab depozitata taht l-awtorita` tal-Qorti. Indipendentement minn dan, il-kawza odjerna hija appuntu dwar l-istat dizastruz illi fih giet ikkunsinnata l-vettura u n-nuqqas ta' konformita' taghha mar-rekwiziti tal-awtoritajiet; certament ghalhekk illi f'dawn ic-cirkostanzi, il-vettura *de quo* ma ghandha l-ebda valur reali (u potenzjal ta' bejgh), u ghalhekk certament ma tista' qatt titqies bhala li toffri kawtela reali u effettiva ghall-retensjonijiet tal-attur. F'kull kaz, vettura ma taghti l-ebda forma ta' garanzija ta' likwidita illi joffri b'aktar effettivita` l-mandat ta' sekwestru - specjalment fl-istat li fih qieghda l-karozza. Argument simili gie trattat (u milqugh) mill-Qorti Civili, Prim' Awla fir-rikors deciz fit-2 ta' Gunju 2016 fl-ismijiet ta' ***Franco Borg f' ismu u in rapprezentanza ta' Omnitrade Food and Beverage Supplies u kif ukoll Pamela Alamango vs Carmelo sive Charles Foca u Frank Cachia*** (Rikors Revoka nru. 115/2016AF).

<u>Dwar il-Partijiet b'mod Komuni - It-Tielet Talba</u>

7. Fit-tielet talba tar-rikors, l-intimati jitolbu dikjarazzjoni illi *a tenur* tal-artikolu 281 (1) u 293 (1) (b) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-mandat ta' sekwestru ghandu jigi revokat fejn jaffettwa l-mezzi tax-xoghol tal-esponenti.

8. In sostenn ta' din it-talba, l-intimati jilmentaw illi l-Qbid (minkejja li r-rikors huwa dwar Sekwestru, mhux Qbid) tal-licenzi tal-vetturi ghall-bejgh li hemm Transport Malta huwa projbit *a tenur* tal-artikolu 293 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-ewwel lok, jinghad illi t-talba tal-esponenti kienet ghall-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru, u mhux Mandat ta' Qbid taht is-Sub-Titolu I tat-Tivolu VII tat-Taqsima I tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (mandat ta' qbid ta' mobbli ezekuttiv). L-artikolu 293 (1) imsemmi mill-intimati (li jinsab taht l-istess Sub-Titolu tal-Ligi) huwa applikabbli biss ghall-mandati ta' qbid ezekuttivi, u mhux ukoll ghall-mandati ta' sekwestru kawtelatorji, u ghalhekk ma ghandu l-ebda rilevanza u applikabilita` ghall-mandat odjern. Ifisser allura illi r-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 293 (1) ma jiswewx ghall-mandati ta' sekwestru kawtelatorji. L-istess huwa l-artikolu 281 (1), li japplika biss ghall-mandati ta' qbid li jkunu ezekuttivi u mhux ukoll ghal mandati ta' sekwestru kawtelatorji. Iz-zewg artikoli jaghmluha cara fil-fatt illi qeghdin jitkellmu fuq *'qbid'* u xejn aktar. Hija l-umili fehma tal-esponenti allura illi din l-Onorabbli Qorti ma tista' qatt tilqa' t-tielet talba tal-intimati abbazi ta' dawn iz-zewg artikoli tal-ligi.

F'kull kaz pero`, anke illi kieku l-artikolu 293 (1) jitqies applikabbli ghall-mandat odjern (li l-esponenti jtenni li

mhux), ir-ragunijiet imsemmija mill-intimati fir-rikors taghhom ma jikkombacaw mal-ebda mir-ragunijiet fis-sub-artikoli ghall-artikolu 293 (1). L-intimati jidher li dan jafuh tajjeb, ghaliex fir-rikors taghhom, jonqsu milli jindikaw b'mod sodisfacenti u specifiku ghal-liema raguni fil-ligi huma qeghdin jirreferu.

Ir-Raba' Talba

10. Fir-raba' talba tar-rikors, l-intimati jitolbu li din l-Onorabbli Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kontra Welcome Auto Dealer Limited u/jew Clint La Rosa.

11. Hija l-fehma tal-esponenti illi ghar-ragunijiet precitati, lanqas din it-talba ma tista' tintlaqa'.

Daqstant ghandu l-esponenti Matthew Grech x'jissottometti ghall-kunsiderazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 20 ta' Ottubru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti. Xehed bil-gurament tieghu l-Perit Tekniku Natalino Agius, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Borg ghall-kreditur ezekutant iddikjara li l-kreditur minn issa lest li jikkoopera ghall-bejgh ta’ vetturi sabiex ir-rikavat jigi depozitat in garanzija tal-kreditu pretiz sakemm il-kawza finali tigi determinata mill-Qorti. Il-kawza giet differita ghal digriet finali ghall-24 ta’ Novembru 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dan hu rikors ipprezentat minn Welcome Auto Dealer u Clint La Rosa ghar-revoka ta’ Mandat ta’ Sekwestru bin-numru 862/2016 li nhareg fuq talba tal-intimat ezekutant Matthew Grech biex jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu kontra r-rikorrenti f’dan il-kaz fl-ammont ta’ sebgha u ghoxrin elf ewro (€27,000).

Ikkonsidrat li s-socjeta` rikorrenti Welcome Auto Dealer Limited qed titlob it-thassir fis-shih tal-Mandat ta’ Sekwestru *stante* li qatt ma kkontrattat ma’ Matthew Grech, kwindi gie sottomess li m’hemmx raguni ghaliex dan il-Mandat ghandu jibqa’ *in vigore*. Ir-rikorrent Clint La Rosa qed jibbaza t-talba ghat-thassir tal-mandat ta’ sekwestru billi qed isostni li Matthew Grech ghandu fil-pussess tieghu il-vettura Pontiac GTO Coupe, ghalhekk jekk il-Mandat ta’ Sekwestru jibqa' *in vigore*, hu ser jigi kkawtelat eccessivament. Inoltre, gie sottomess miz-zewg rikorrenti, li xogholhom hu fil-bejgh u xiri ta’ vetturi, peress li in ezekuzzjoni tal-Mandat ta’ Sekwestru, gew maqbuda licenzi tal-vetturi ghall-bejgh li hemm ghand Transport Malta, mhux possibbli ghalihom li jkomplu bin-negozju.

**L-artikolu 281(1) u 293(1) tal-Kap 12.**

Ir-rikorrenti qed jipprocedu bir-rikors odjern abbazi tal-artikolu 281 (1) sabiex jattakkaw l-att ezekuttiv mahrug fil-konfront taghhom ossia l-Mandat ta’ Sekwestru in kwistjoni

a tenur tal-artikolu 293(1) (b) u (d) tal-Kap 12. Ladarba, jirrizulta li gew maqbuda l-licenzji tal-vetturi ghall-bejgh li hemm ghand Transport Malta rigwardanti l-vetturi li jinnegozjaw fihom ir-rikorrenti, qed jigi sottomess mir-rikorrenti ezekutati, li l-qbid ta’ dawn l-oggetti huwa espressament projbit *ai termini* tal-artikolu 293(1) tal-Kap 12, *stante* li dan qed jipprekludihom milli jkomplu bix-xoghol taghhom.

Illi ghal dak li jirrigwarda l**-artikolu 281 tal-Kap 12** jinghad minnufih li dan l-artikolu jirregola talbiet ghar-revoka ta' mandati ezekuttivi li mhuwiex il-kaz odjern, billi l-mandat huwa wiehed kawtelatorju sindakabbli fit-termini tal-artikolu 836 tal-Kap 12. Ghalhekk din it-talba ma tistax tintlaqa' abbasi ta' dan l-artiklu.

Illi inoltre kif tajjeb issottometta l-intimat, **l-artikolu 293** japplika ghall-mandat ta' qbid u mhux ta' sekwestru u lanqas m'hu fost dawn l-artikoli li huma applikati ghall-istitut tal-mandat ta' sekwestru bl-operat **tal-artikolu 849 tal-kap 12 tal-ligijiet ta' Malta.**

Illi infatti l-lanjanza principali tar-rikorrent ezekutat jemani mill-fatt li l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta qed izzommu milli jittrasferixxi vetturi lill-terzi b'konsegwenza li xekklet in-negozju tieghu.

Illi dwar dan, il-Qorti taghmel kap ghall**-artikolu 375 tal-kap 12,** applikabbli wkoll ghall-mandati ta' sekwestru kawtelatorji, fejn l-effetti ta' mandat ta' sekwestru huma s-segwenti:

*"**375.** Meta kreditur bis-saħħa ta' sentenza jew titolu ezekuttiv ieħor, sabiex jitħallas tal-kreditu tiegħu, ikun irid iżomm li ma jgħaddux f'idejn id-debitur tiegħu, flus jew ħaġa mobbli li jkunu jinsabu f'idejn ħaddieħor, jista' jagħmel dan bil-mezz ta' mandat ta' sekwestru."* (enfasi ta' din il-Qorti).

Illi huwa car li l-interpretazzjoni li qed tigi moghtija mill-Awtorita' ghat-Trasport Malta ghall-istitut tal-mandat ta' sekwestru hija pjuttost wahda originali u diskutibbli.L-istess rikorrent odjern qed juri li hemm konfuzjoni bejn l-effetti ta' mandat ta' qbid u dawk ta' mandat ta' sekwestru billi ordinarjament mandat ta' sekwestru mhuwiex ser ikollu l-effett li qed jissubixxi. Ghalhekk lanqas dak ribadit minnu b'nota fil-mori tad-differiment ghandu rilevanza ghall-iskrutinju li qed isir illum ta' mandat ta' sekwestru.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ilment tar-rikorrent ma jistax jigi indirizzat f'dawn il-proceduri fil-kuntest tal-artikolu 293 tal-Kap 12. Isewgi wkoll li din il-Qorti trid tikkonsidra t-talba odjerna fil-kuntest biss ta' mandat ta' sekwestru u tal-effetti li jista' jkollu mandat simili fid-dawl tal-artikolu 836 tal-Kap 12 u xejn izjed.

## Kunsiderazzjoni ta' Dritt:

Illi dan ir-rikors qed isir abbazi tal-**artikolu 836 (1) (b), (c), (d),(e) u (f) tal-Kap 12** li jipprovdi:

*"**836**. (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatroju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(b) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti,*

*(c) jekk ikun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor jew inkella dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni;*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv;*

*(e) jekk il-garanzija moghtija titqies mill-Qorti li tkun bizzejjed; jew*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

Illi kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed 'prima facie' u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja

bejn il-partijiet (Ara P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001 (**"Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd."**)).

Illi ghandu jinghad ukoll li dak li l-Qorti trid tasal ghalih f'dawn il-proceduri ma ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu. L-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma ezami x'aktarx formali ta' l-att li tieghu qieghed jintalab ir-revoka. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbuziv. (Ara Kumm. GMA 23 ta' Gunju 1994: "**Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia nomine et**"). Illi dan ifisser illi l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kkontestat jigi definit minn Qorti. ("**Vincent Mercieca vs George Galea**" – P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001; **"Technobroadcast s.r.l. vs Mediterranean Broadcasting Limited"** - P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2007).

Fil-kaz in ezami, is-socjeta` rikorrenti Welcome Auto Dealer Limited qed tibbaza t-talba taghha *ai termini* tal-artikolu **836(1) (b), (d), u (f),** filwaqt li Clint La Rosa qed jibbaza t-talba tieghu a tenur tal-artikolu 836(1) (b), (c), (e), u (f). Il-Qorti ser tghaddi biex tezamina is-sub-artikoli citati mir-rikorrenti fid-dawl tal-fatti li ghandha quddiemha.

**L-Art. 836(1)(b)**

Din id-dispozizzjoni giet imfissra bhala referenza ghal xi wahda mill-htigijiet rikjesti *ex lege* ghall-hrug tal-att kawtelatorju li kienet tezisti filwaqt tal-hrug tal-istess mandat, u li ma baqghetx tezisti izjed. Ghalhekk, jekk wiehed irid jimxi ma' tali tifsira, wiehed irid juri li l-htiega ghall-hrug tal-Mandat trid tkun naqset wara li nhareg l-att.

Illi l-htigijiet li l-ligi procedurali titlob sabiex persuna tista' tohrog Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinhareg il-mandat; (b) li (flimkien mal-att jew fi zmien preskritt wara) ssir kawza li fiha tigi mistharrga sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (c) li l-Mandat irid ikun ihares ir-rekwiziti mitluba mil-ligi dwar il-hrug tieghu u (d) li tali Mandat jinhareg u jigi esegwit taht ir-responsabbilta` tal-persuna li tkun talbitu.

Fil-kaz in ezami, jigi ritenut, li r-rikorrent ma ndikax li wiehed minn dawn il-kweziti rikjesti mil-ligi huwa nieqes. Ghalhekk, il-Qorti ser tiskarta l-ewwel raguni migjuba mir-rikorrent. Min irid jikkawtela pretensjoni, jista' jaghmel dan b'kull kors li taghtih il-ligi. L-argumenti sollevati mir-rikorrenti huma irrelevanti ghal dan is-sub-artikolu.

**L-artikolu 836(1) (c)**

F'dan il-kuntest, jinghad li sabiex il-Qorti tasal ghat-thassir ta' mandat skont l-artikolu 836(1) (c) tal-kap 12, din il-Qorti trid tkun sodisfatta li hemm garanzija ohra li tista' tassigura l-pretensjoni dovuta (ara **Mabrouk Limited vs Joseph Ciantar**, P.A. (JZM) deciza fl-10 ta' Jannar 2013).

Riferribbilment ghal dan is-subinciz, ir-rikorrent Clint La Rosa indika garanzija ohra li tista' tissodisfa l-kreditu pretiz

minn Matthew Grech, billi sostna li l-intimat ezekutant Grech ghandu fil-pussess tieghu l-vettura Pontiac GTO Coupe li tiswa (€32,000) ghalhekk il-kreditu pretiz hu diga kawtelat. Izda, dwar dan il-punt, gie eccepit fir-risposta tal-intimat ezekutant, li l-vettura imsemmija fil-fatt tinsab depozitata taht l-Awtorita` tal-Qorti. *Di piu`* gie ritenut, li *stante* li l-vertenza dwar din il-vettura hi proprju dwar l-istat hazin tal-vettura hekk kif kunsinnata, m'ghandha l-ebda potenzjal ta' bejgh u valur reali, ghalhekk ma tistax isservi bhala garanzija ta' likwidita` u kawtela reali.

Jigi osservat ukoll, li l-valutazzjoni tal-vettura mhix bhal dik ta' immobbli. Kwindi, mhix forma ta' garanzija certa u effettiva bhall-Mandat ta' Sekwestru, kif sewwa indikat mill-avukat difensur tal-intimat, kemm fir-risposta u kif ukoll fit-trattazzjoni. Ghalhekk, fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet, ma jistax jitqies li l-garanzija indikata mir-rikorrent, f'dan il-kaz hija valida bizzejjed billi ma tissodisfax ir-rekwiziti mehtiega biex jigi kawtelat il-kreditu pretiz. Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, il-garanzija msemmija mir-rikorrent mhix tassigura bizzejjed il-pretensjoni tal-intimat ezekutant.

**L-Artikolu 836(1)(d)**

Fil-kawza **"Casino-For-Me Limited vs Chartwell Games (Malta) Limited"** (P.A. (A.L.) 5 ta' Settembru 2008 inghad li bid-disposizzjoni tal-artikolu 836 (1)(d) dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk mad-daqqa t'ghajn ir-rikorrenti ezekutant ghandux bazi ta' pretensjoni ("fumus juris"). Persuna ghandha dritt li tikkawtela l-interessi taghha u dan sakemm il-pretensjoni dwar id-dritt sostantiv tigi eppurata u deciza fil-kawza proprja bejn il-partijiet.

Fil-kaz in ezami, r-rikorrent sostna li l-mandat in kwistjoni mhuwiex gustifikat fil-konfront ta' Welcome Auto Dealer Limited, *stante* li din is-socjeta` m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma' Matthew Grech. Dan l-argument ta' nuqqas ta' relazzjoni guridika tas-socjeta` rikorrenti mhuwiex ammissibli fid-dawl tad-dokumenti esebiti mill-intimat, li juru li l-iskrittura ffirmata minn Clint La Rosa hi fil-fatt intestata f'isem Welcome Auto Dealer, Dok A (fol 14), il-*logbook* tal-vettura mal-wasla taghha f'Malta kien f'isem Welcome Auto Dealer, Dok B (fol 15), il-flus gew depozitati f'kont bankarju intestate f'isem Welcome Auto Dealer Limited, Dok C (fol 16), kif ordnat jaghmel minn Clint La Rosa permezz ta' e-mail Dok D (fol 17). Gie sottomess minn Clint La Rosa, li l-Mandat ta' Sekwestru vigenti mhuwiex gustifikat peress li Matthew Grech ghandu l-pussess tal-imsemmija vettura Pontiac GTO Coupe. B'referenza ghal dan l-argument diga trattat fis-subinciz, (c), diga gie kkunsidrat li dan l-argument ma jregix *stante* li din mhix garanzija adegwata u reali biex tikkawtela l-kreditu pretiz. Ghalhekk, jigi dedott li l-intimat ghad ghandu pretensjoni kawtelabbli.

Hawnhekk, ta' min ighid, li "*wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti.* " (Ara **"Spiteri vs Darmanin**" P.A. – 25 ta' Awwissu 2007, u **"Associated Supplies Ltd vs Mizzi Joseph"** P.A. – 6 ta' Frar 2013).

**L-Artikolu 836 (1) (e)**

Fl-ewwel lok, l-Qorti terga' ttenni l-konsiderazzjonijiet maghmula taht is-subartikolu 1(c). Fit-tieni lok, jigi osservat li l-perit Tekniku mahtur mill-Qorti bi qbil bejn il-partijiet, ikkonstata wara li ezamina l-vetturi tar-rikorrenti u ta stima tal-valur taghhom fis-suq, hu stmahom ghal (€32,000), u l-ammont kawtelat jammonta ghal (€27,000). Izda, jirrizulta wkoll, li l-Perit tekniku kkonferma fix-xhieda tieghu li hu ta l-valuri lill-vetturi hekk, kif rahom ipparkjati fil-garaxx, izda ma jistax jindika l-valur taghhom fit-triq *stante* li ma dahalx f'din il-kwistjoni fl-inkarigu tieghu. Illi din il-Qorti tifhem li l-vetturi in kwistjoni ghandhom valur izda b'kemm jista' jigi likwidat dan il-valur hu fattur iehor li mhuwiex kwantifikabbli ghax jiddependi minn diversi fatturi, fosthom ir-raguni suesposta, fejn il-Perit Tekniku ta l-valur biss fuq il-vettura kif ra pparkjata u ma rahiex topera. Inoltre`, ma jirrizultax li l-ammont kawtelat b'xi mezz iehor ghajr dawn il-vetturi pparkjati fil-garaxx, ezempju, permezz ta' garanzija bankarja. Fit-trattazzjoni, l-avukat difensur tar-rikorrenti, meta mistoqsi specifikatament dwar garanzija bankarja stqarr li din ma kienitx possibbli. Ghaldaqstant, il-Mandat ta' Sekwestru ma jistax ikun soggett ghar-revoka *ai termini* ta' dan is-subartikolu.

**L-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12**.

Illi din il-Qorti kif diversament preseduta fil-**kaz "Spiteri vs Darmanin**" – P.A. (JRM) deciza fil-25 ta' Awwissu 2010 ma hallietx dubju dwar l-interpretazzjoni korretta ta' dan is-subartikolu u rriteniet: "*illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li,* ***wara l-hrug ta' mandat****, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-*

*istess Mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. (Ara **"Dr. Tonio Fenech noe. Vs Dr. Patrick Spiteri et noe.** – P.A. (GC) ta' Awwissu 2001). Din it-tifsira tohrog mill-kliem 'jinzamm' u 'aktar mehtieg' li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz."*

Il-Qorti taqbel ma' din l-interpretazzjoni. Effettivament ghandu jirrizulta lill-Qorti li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi sabiex twassalha biex tiddeciedi li mandat li kien ragjonevoli *ab initio*, jew gustifikabbli, issa m'ghadux. Sabiex issir din l-analizi wiehed irid iqis jekk mid-data tal-hrug tal-mandat ghadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet ghall-hrug tal-mandat.

Ma jirrizultax li kien hemm xi tibdil f'dawn il-htigijiet li jista' jwassal ghar-revoka tal-mandat abbazi ta' dan l-artikolu. Isegwi li ma tezisti l-ebda raguni valida biex izzomm lill-intimat milli jikkawtela l-kreditu pretiz b'kull mezz permess bil-ligi.

Illi ghalhekk, il-Qorti ser tichad it-talba ghal revoka tal-mandat billi l-estremi rikjesti ghall-applikazzjoni tal-artikolu 836(1) b) (c) (d) (e) (f) ma jirrizultawx.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad it-talbiet kif dedotti ghar-ragunijiet spjegati.

***24 ta' Novembru 2016.***

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti *in solidum*.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**24 ta' Novembru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**24 ta' Novembru 2016**